Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2021/0378(COD)

13.1.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà
(COM(2021)0723 – C9-0434/2021 – 2021/0378(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Emil Radev

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-aċċess faċli għad-data huwa importanti sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu ***l-funzjonament*** effiċjenti tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Is-settur finanzjarju għaddej minn trasformazzjoni diġitali, li hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin, u l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dik it-trasformazzjoni, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzjament immotivat mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzjament sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni kif tista' tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzjament sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu infurmati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jeħtieġ li jitjieb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni tal-entitajiet, bħall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja ta' kumpaniji, negozji u istituzzjonijiet finanzjarji. Mezz effiċjenti sabiex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP"),	(2) L-aċċess faċli ***u strutturat*** għad-data huwa importanti sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà jieħdu deċiżjonijiet ***ta' investiment*** sodi***, infurmati u ambjentalment u soċjalment responsabbli*** li jservu ***għall-funzjonament*** effiċjenti tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Is-settur finanzjarju għaddej minn trasformazzjoni diġitali, li hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin, u l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dik it-trasformazzjoni, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzjament immotivat mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzjament sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni kif tista' tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzjament sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu infurmati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jeħtieġ li jitjieb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni tal-entitajiet, bħall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja ta' kumpaniji, negozji u istituzzjonijiet finanzjarji. Mezz effiċjenti sabiex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li

li jagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.	tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP"), li jagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2 a) Peress li bħalissa qed jiġu nnegozjati jew waslu biex jitlestew atti leġiżlattivi ġodda, bħar-Regolament XXX dwar il-bonds ekoloġiċi, iżda mhumiex elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li taġġorna l-Anness biex iżżid leġiżlazzjoni adottata ġdida relatata mal-forniment ta' servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-informazzjoni li għandha ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP jenħtieġ li tinġabar mill-korpi ta' ġbir maħtura għall-fini tal-ġbir tal-informazzjoni li l-entitajiet huma obbligati jippubblikaw. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'modi awtomatizzati permezz ta' interfaċċa unika għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża b'mod diġitali, l-entitajiet jenħtieġ li jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli f'format ta' data li tista' tiġi estratta jew, fejn meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format	(4) L-informazzjoni li għandha ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP jenħtieġ li tinġabar mill-korpi ta' ġbir maħtura għall-fini tal-ġbir tal-informazzjoni li l-entitajiet huma obbligati jippubblikaw. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'modi awtomatizzati permezz ta' interfaċċa unika għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. ***Meta possibbli, u soġġett għad-deċiżjoni tal-Istat Membru rilevanti, il-korpi ta' ġbir maħtura għall-fini tal-ġbir ta' informazzjoni li l-entitajiet huma obbligati jiddivulgaw pubblikament,***

li jinqara mill-magni. Bi tqabbil ma' formats ta' data li tista' tiġi estratta, formats li jinqraw mill-magni huma formats ta' fajl strutturati b'mod li l-applikazzjonijiet tas-software jkunu jistgħu jidentifikaw, jagħrfu u jisiltu data speċifika faċilment, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet jissottomettu l-informazzjoni fil-format korrett u sabiex jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi possibbli li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jipprovdu assistenza lil dawk l-entitajiet.

jenħtieġ li jiġu fdati wkoll bil-ġbir tas-sottomissjonijiet volontarji ta' informazzjoni. Sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża b'mod diġitali, l-entitajiet jenħtieġ li jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli f'format ta' data li tista' tiġi estratta jew, fejn meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Bi tqabbil ma' formats ta' data li tista' tiġi estratta, formats li jinqraw mill-magni huma formats ta' fajl strutturati b'mod li l-applikazzjonijiet tas-software jkunu jistgħu jidentifikaw, jagħrfu u jisiltu data speċifika faċilment, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet jissottomettu l-informazzjoni fil-format korrett u sabiex jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi possibbli li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jipprovdu assistenza lil dawk l-entitajiet.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Minbarra l-informazzjoni b'rabta mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li għandha tiġi ppubblikata skont id-dritt tal-Unjoni, l-investituri, il-parteċipanti fis-suq, il-konsulenti u l-pubbliku inġenerali jista' jkollhom interess jiksbu informazzjoni oħra li entità tkun trid tagħmel aċċessibbli. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu jkunu jridu jagħmlu aktar informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku sabiex isiru aktar viżibbli għal investituri potenzjali, u b'hekk iżidu l-finanzjament u jiddiversifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-parteċipanti fis-suq jistgħu jkunu jixtiequ jipprovdu aktar informazzjoni minn dik meħtieġa bil-liġi, jew inkella jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa mid-dritt nazzjonali iżda mhux	(5) Minbarra l-informazzjoni b'rabta mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li għandha tiġi ppubblikata skont id-dritt tal-Unjoni, l-investituri, il-parteċipanti fis-suq, il-konsulenti u l-pubbliku inġenerali jista' jkollhom interess jiksbu informazzjoni oħra li entità tkun trid tagħmel aċċessibbli. Intrapriżi ***mikro,*** żgħar u ta' daqs medju jistgħu jkunu jridu jagħmlu aktar informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku sabiex isiru aktar viżibbli għal investituri potenzjali, u b'hekk iżidu l-finanzjament u jiddiversifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-parteċipanti fis-suq jistgħu jkunu jixtiequ jipprovdu aktar informazzjoni minn dik meħtieġa bil-liġi, jew inkella jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa mid-dritt nazzjonali iżda mhux

disponibbli fil-livell tal-Unjoni, sabiex jikkomplementaw l-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, entità jenħtieġ li titħalla tagħmel informazzjoni finanzjarja, relatata mas-sostenibbiltà u informazzjoni rilevanti oħra aċċessibbli fuq l-ESAP. Skont il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data**,** l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn dik id-data tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, inkluż meta l-isem tal-entità jikkoinċidi mal-isem is-sid. Fejn tali informazzjoni tinkludi data personali, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li jistgħu joqogħdu fuq din id-divulgazzjoni fuq waħda mir-raġunijiet legali tal-ipproċessar stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26].	disponibbli fil-livell tal-Unjoni, sabiex jikkomplementaw l-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, entità jenħtieġ li titħalla tagħmel informazzjoni finanzjarja, relatata mas-sostenibbiltà u informazzjoni rilevanti oħra aċċessibbli fuq l-ESAP. ***L-entitajiet li jissottomettu informazzjoni għall-aċċessibbiltà b'mod volontarju fuq l-ESAP jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-kwalità, il-kompletezza u l-preċiżjoni tagħha. Jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi ppreżentata in bona fide u tirrifletti s-sitwazzjoni reali.*** Skont il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn dik id-data tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, inkluż meta l-isem tal-entità jikkoinċidi mal-isem is-sid. Fejn tali informazzjoni tinkludi data personali, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li jistgħu joqogħdu fuq din id-divulgazzjoni fuq waħda mir-raġunijiet legali tal-ipproċessar stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26].
[26] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).	[26] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi ***lill-***	(12) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi ***lill-***

utenti b'aċċess għall-informazzjoni mingħajr ħlas u mingħajr diskriminazzjoni***, u jenħtieġ li jagħmilha possibbli għal*** dawk l-utenti li jfittxu, jaċċessaw u jniżżlu l-informazzjoni permezz tal-ESAP. Madankollu, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtieġa li l-ESMA tiġi protetta minn piż finanzjarju eċċessiv b'rabta mal-kostijiet imġarrba sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' utenti intensivi, jekk ikun hemm, l-ESMA jenħtieġ li jkollha l-kapaċità li tiġġenera dħul. Għalhekk, b'deroga mill-prinċipju li l-informazzjoni jenħtieġ li tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, l-ESMA jenħtieġ li titħalla timponi tariffi għal dawk is-servizzi speċifiċi, inkluż għal servizzi b'kostijiet ta' manutenzjoni għoljin minħabba tiftix għal volumi kbar ħafna ta' informazzjoni jew minħabba aċċess frekwenti għall-ESAP. Madankollu, kwalunkwe tariffa imposta jenħtieġ li ma taqbiżx il-kost tas-servizz ipprovdut.

parteċipanti attivi kollha fis-suq uniku Ewropew, inkluż iżda mhux limitat għall-investituri, il-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-akkademja, ir-rappreżentanti tal-media bl-istess aċċess għall-informazzjoni mingħajr ħlas u mingħajr diskriminazzjoni ***għat-twettiq tal-ħidma tagħhom u l-kisba tal-interessi tagħhom.*** Dawk l-utenti ***jenħtieġ*** li ***jkunu jistgħu*** jfittxu, jaċċessaw u jniżżlu l-informazzjoni permezz tal-ESAP. Madankollu, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtieġa li l-ESMA tiġi protetta minn piż finanzjarju eċċessiv b'rabta mal-kostijiet imġarrba sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' utenti intensivi, jekk ikun hemm, l-ESMA jenħtieġ li jkollha l-kapaċità li tiġġenera dħul. Għalhekk, b'deroga mill-prinċipju li l-informazzjoni jenħtieġ li tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, l-ESMA jenħtieġ li titħalla timponi tariffi għal dawk is-servizzi speċifiċi, inkluż għal servizzi b'kostijiet ta' manutenzjoni għoljin minħabba tiftix għal volumi kbar ħafna ta' informazzjoni jew minħabba aċċess frekwenti għall-ESAP. Madankollu, kwalunkwe tariffa imposta jenħtieġ li ma taqbiżx il-kost tas-servizz ipprovdut.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni mmotivata mid-data fil-finanzi, sabiex is-swieq kapitali jiġu megħjuna jintegraw fl-Unjoni Ewropea, sabiex l-investimenti jiġu diretti lejn attivitajiet sostenibbli, u sabiex jinkisbu effiċjenzi għall-konsumaturi u n-negozji, l-ESAP jenħtieġ li jtejjeb l-aċċess għall-informazzjoni li tinkludi data personali. Madankollu, l-ESAP jenħtieġ li jtejjeb biss l-aċċess għal dik id-data personali li għandha tiġi pproċessata skont id-dritt tal-Unjoni, jew li tiġi pproċessata	(13) Sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni mmotivata mid-data fil-finanzi, sabiex is-swieq kapitali jiġu megħjuna jintegraw fl-Unjoni Ewropea, sabiex l-investimenti jiġu diretti lejn attivitajiet sostenibbli, u sabiex jinkisbu effiċjenzi għall-konsumaturi u n-negozji, l-ESAP jenħtieġ li jtejjeb l-aċċess għall-informazzjoni li tinkludi data personali. Madankollu, l-ESAP jenħtieġ li jtejjeb biss l-aċċess għal dik id-data personali li għandha tiġi pproċessata skont id-dritt tal-Unjoni, jew li tiġi pproċessata

volontarjament dment li jkun hemm raġuni legali għal tali pproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-għoti ta' informazzjoni permezz tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir u l-ESMA fil-kapaċità tagħha bħala operatur tal-ESAP jenħtieġ li jiżguraw il-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].	volontarjament dment li jkun hemm raġuni legali għal tali pproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-għoti ta' informazzjoni permezz tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir u l-ESMA fil-kapaċità tagħha bħala operatur tal-ESAP***, irrispettivament jekk tagixxix bħala kontrollur, kontrollur konġunt jew proċessur,*** jenħtieġ li jiżguraw il-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. ***B'mod partikolari, l-MSA jenħtieġ li tqis il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku.***
[28] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).	[28] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta ***opinjoni fil-[daħħal id-data]***.	(14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta ***l-kummenti formali fid-19 ta' Jannar 2021***.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex l-informazzjoni tkun komparabbli tul iż-żmien, l-utenti jenħtieġ li jkollhom aċċess għal informazzjoni tal-passat. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-ESAP jintalab jipprovdi aċċess għall-informazzjoni għal perjodu ta' żmien raġonevoli, sa fejn ikun kompatibbli ma' dispożizzjonijiet applikabbli oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. Għal dak il-għan, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura li l-ebda data personali ma ssir aċċessibbli għal aktar żmien milli meħtieġ, kif previst skont id-dritt tal-Unjoni. Sabiex l-ESMA u l-korpi ta' ġbir ikunu jistgħu jħejju t-tħaddim tal-ESAP, l-ESAP jenħtieġ li jipprovdi biss aċċess għall-informazzjoni ***sottomessa*** mill-1 ta' Jannar 2024.	(16) Sabiex l-informazzjoni tkun komparabbli tul iż-żmien, l-utenti jenħtieġ li jkollhom aċċess għal informazzjoni tal-passat. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-ESAP jintalab jipprovdi aċċess għall-informazzjoni għal perjodu ta' żmien raġonevoli, sa fejn ikun kompatibbli ma' dispożizzjonijiet applikabbli oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. Għal dak il-għan, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura li l-ebda data personali ma ssir aċċessibbli għal aktar żmien milli meħtieġ, kif previst skont id-dritt tal-Unjoni. Sabiex l-ESMA u l-korpi ta' ġbir ikunu jistgħu jħejju t-tħaddim tal-ESAP, l-ESAP jenħtieġ li jipprovdi biss aċċess għall-informazzjoni ***attwalment disponibbli*** mill-1 ta' Jannar 2024.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi sabiex taġġorna l-lista ta' atti leġiżlattivi fil-mument li kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida relatata mal-forniment tas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u -sostenibbiltà tidħol fis-seħħ.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ESAP ma għandux jipprovdi	***imħassar***

aċċess għall-informazzjoni sottomessa qabel l-1 ta' Jannar 2024.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 12 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7 a) id-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tissottometti lil korp ta' ġbir l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1) sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Meta tissottometti dik l-informazzjoni, il-persuna fiżika jew ġuridika għandha:	1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ***li taġixxi bħala parteċipant tas-suq tal-UE*** tista' tissottometti lil korp ta' ġbir l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1) sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Meta tissottometti dik l-informazzjoni, il-persuna fiżika jew ġuridika għandha:

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c a) fejn possibbli, jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni sottomessa b'mod volontarju tiġi ppreżentata fil-format ipprovdut fil-mudelli eżistenti relatati mal-att leġiżlattiv rilevanti;

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***tiżguraw*** li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn id-data personali tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħha.	(d) ***tiżgura*** li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn id-data personali tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħha***, f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data***.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c a) standards għall-korpi tal-ġbir biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5(2), il-punti (b) u (ba).

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [UP: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' ***tliet snin*** wara d-dħul fis-seħħ].	Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [UP: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' ***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ].

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 a. L-entitajiet li jissottomettu l-

	informazzjoni lil korp ta' ġbir fuq bażi volontarja għandhom jaġixxu in bona fide u jiżguraw li l-informazzjoni tkun ġusta, preċiża u li tkun qed tiġi żvelata b'mod ċar u mhux qarrieqi.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 b. L-informazzjoni pprovduta lil korp ta' ġbir fuq bażi volontarja għandha tiġi ppreżentata b'mod li tippermetti lill-utenti jiddistingwuha mill-informazzjoni miġbura fuq bażi obbligatorja.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq il-portal web imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), l-ESMA għandha tippubblika lista tal-korpi ta' ġbir b'informazzjoni dwar ***il-Lokalizzatur*** Uniformi tar-Riżorsi (URL) ta' kull korp ta' ġbir.	Fuq il-portal web imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), l-ESMA għandha tippubblika lista tal-korpi ta' ġbir b'informazzjoni dwar ***l-isem, l-indirizz, l-Istat Membru ta' oriġini u l-Lokalizzatur*** Uniformi tar-Riżorsi (URL) ta' kull korp ta' ġbir.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-metadata kif speċifikata skont il-punt (d) tal-paragrafu 6 tkun disponibbli ***u*** kompluta;	(ii) il-metadata kif speċifikata skont il-punt (d) tal-paragrafu 6 tkun disponibbli**,** kompluta ***u miżmuma biss sakemm l-informazzjoni relatata magħha tibqa'***

maħżuna;

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) tibqa' disponibbli għall-ESAP għal mill-anqas għaxar (10) snin, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-atti legali msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a). Id-data personali fl-informazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 1(1) ma għandhiex tinżamm u ***ssir*** disponibbli għal aktar minn ħames (5) snin, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1).	(f) jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) tibqa' disponibbli għall-ESAP għal mill-anqas għaxar (10) snin, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-atti legali msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a). Id-data personali fl-informazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 1(1) ma għandhiex tinżamm ***għal aktar minn kemm hemm bżonn*** u ***fi kwalunkwe każ ma tistax tinżamm*** disponibbli għal aktar minn ħames (5) snin, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1).

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-korpi ta' ġbir għandhom jirrifjutaw informazzjoni sottomessa mill-entitajiet f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:	2. Il-korpi ta' ġbir għandhom ***jingħataw is-setgħa li jiskrinjaw u*** jirrifjutaw informazzjoni sottomessa mill-entitajiet f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) meta jsir evidenti li l-entitajiet ma

	jissodisfawx ir-rekwiżiti tagħhom għas-sottomissjoni ta' data personali kif stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt d, u l-Artikolu 3(3).

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-entitajiet għandhom jiżguraw ***il-preċiżjoni*** tal-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir.	4. L-entitajiet għandhom jiżguraw ***il-kwalità, il-kompletezza u l-preċiżjoni*** tal-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6 a. Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jiżviluppa proċeduri li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-korpi ta' ġbir u l-entitajiet, b'mod partikolari dwar ir-regolamentazzjoni tas-sottomissjoni u l-irtirar ta' informazzjoni volontarja, u jinkludi, fejn xieraq, mudelli rilevanti. Meta jkun qed jiżviluppa tali proċeduri, il-Kumitat Konġunt għandu jqis b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tistabbilixxi politika ta'	L-ESMA għandha tistabbilixxi politika ta'

sigurtà tal-IT effettiva u proporzjonata għall-ESAP u għandha tiżgura livelli xierqa ta' awtentiċità, disponibbiltà, integrità u nonripudju tal-informazzjoni magħmula aċċessibbli fuq l-ESAP, kif ukoll ta' protezzjoni tad-data personali.	sigurtà tal-IT effettiva u proporzjonata għall-ESAP u għandha tiżgura livelli xierqa ta' awtentiċità, disponibbiltà, integrità u nonripudju tal-informazzjoni magħmula aċċessibbli fuq l-ESAP, kif ukoll ta' protezzjoni tad-data personali. ***L-ESMA għandha twettaq rieżamijiet perjodiċi tal-politika tas-sigurtà tal-IT u tas-sitwazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-ESAP b'kunsiderazzjoni tax-xejriet u l-aħħar żviluppi taċ-ċibersigurtà Ewropej u internazzjonali li qed jevolvu.***

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) portal web b'interfaċċa faċli għall-utent fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-informazzjoni fl-ESAP;	(a) portal web b'interfaċċa faċli għall-utent ***li jqis il-bżonnijiet speċjali ta' aċċess ta' individwi b'diżabbiltajiet,*** fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-informazzjoni fl-ESAP;

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ESMA għandha tiżgura li l-ESAP jipprevedi l-funzjonalitajiet imsemmija fil-punt (e) u (g) tal-paragrafu 1 sal-31 ta' Diċembru 2025.	2. L-ESMA għandha tiżgura li l-ESAP jipprevedi l-funzjonalitajiet imsemmija fil-punt (e) u (g) tal-paragrafu 1 sal-31 ta' Diċembru 2025. ***L-ESMA għandha tintroduċi miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex tipprevjeni l-iżvelar eċċessiv ta' data personali permezz tas-servizz ta' tniżżil u l-API. Għandhom jiġu pprovduti salvagwardji addizzjonali mill-ESMA meta d-divulgazzjoni ta' data personali permezz tas-servizz ta' tniżżil u l-API tikkonċerna data personali ta' natura partikolarment sensittiva, bħal***

	informazzjoni li tikkonċerna miżuri amministrattivi jew penali oħra fir-rigward ta' persuni fiżiċi.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-funzjoni ta' tiftix imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tippermetti tfittxija abbażi tal-metadata li ġejja:	3. Il-funzjoni ta' tiftix imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tippermetti tfittxija abbażi ***tal-anqas*** tal-metadata li ġejja:

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ESMA għandha tiżgura li l-aċċess għall-ESAP jiġi pprovdut mingħajr diskriminazzjoni.	1. ***Sabiex tippromwovi t-trasparenza u l-funzjonament bla xkiel tas-swieq kapitali Ewropej,*** l-ESMA għandha tiżgura li l-aċċess għall-ESAP jiġi pprovdut mingħajr diskriminazzjoni.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, l-ESMA ***tista'*** tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom jistgħu jintalbu tariffi u sabiex tiddetermina l-istruttura tat-tariffi assoċjata.	4. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, l-ESMA ***għandha*** tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom jistgħu jintalbu tariffi u sabiex tiddetermina l-istruttura tat-tariffi assoċjata.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ESMA għandha twettaq validazzjonijiet ***awtomatizzati*** sabiex tivverifika l-konformità tal-informazzjoni sottomessa mill-korpi ta' ġbir mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1).	1. L-ESMA għandha twettaq validazzjonijiet***, fejn possibbli b'mod awtomatizzat,*** sabiex tivverifika l-konformità tal-informazzjoni sottomessa mill-korpi ta' ġbir mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1).

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tiżgura li l-ESAP ikun aċċessibbli ***mill-anqas 95 % tal-ħin fix-xahar***;	(c) tiżgura li l-ESAP ikun aċċessibbli ***għajr matul perjodi ta' manutenzjoni teknika meħtieġa***;

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ESMA ma għandhiex taħżen informazzjoni li tinkludi data personali għajr għall-ipproċessar awtomatiku, intermedju u tranżizzjonali, inkluż il-ħżin ta' dik l-informazzjoni sa fejn ikun strettament meħtieġ għall-fini li jingħata aċċess għall-informazzjoni pprovduta mill-korpi ta' ġbir.	3. L-ESMA ma għandhiex taħżen informazzjoni li tinkludi data personali għajr għall-ipproċessar awtomatiku, intermedju u tranżizzjonali, inkluż il-ħżin ta' dik l-informazzjoni sa fejn ikun strettament meħtieġ għall-fini li jingħata aċċess għall-informazzjoni pprovduta mill-korpi ta' ġbir. ***L-ESMA għandha tieħu wkoll miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex tiżgura li l-informazzjoni ma tinżammx jew issir disponibbli għal perijodu itwal minn dak previst fl-Artikolu 5(1), il-punt (f) ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' viżitaturi u tfittxijiet;	(a) in-numru ta' viżitaturi***, inkluż il-viżitaturi uniċi,*** u tfittxijiet;

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [UP, jekk jogħġbok daħħal data ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-ESAP u tivvaluta l-effettività tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dan ir-rieżami.	Sa [UP, jekk jogħġbok daħħal data ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-ESAP u tivvaluta l-effettività tiegħu. ***Ir-rieżami għandu jiġi akkumpanjat minn ħarsa ġenerali lejn il-lakuni tad-data eżistenti fl-ESAP u strateġija biex jindirizzahom. Ir-rieżami jista' jinkludi wkoll valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-pożizzjoni fis-suq tal-entitajiet.*** Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dan ir-rieżami.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà
Referenzi	COM(2021)0723 – C9-0434/2021 – 2021/0378(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 14.2.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 14.2.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Emil Radev 30.5.2022
Eżami fil-kumitat	10.10.2022
Data tal-adozzjoni	12.1.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 59 –: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Vasile Blaga, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Joachim Stanisław Brudziński, Jorge Buxadé Villalba, Patricia Chagnon, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Laura Ferrara, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Theresa Muigg, Maite Pagazaurtundúa, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Isabel Santos, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Yana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elena Yoncheva
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Loucas Fourlas, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Alessandra Mussolini, Matjaž Nemec, Sira Rego, Thijs Reuten, Domènec Ruiz Devesa, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Gunnar Beck, Isabel Benjumea Benjumea, Marian-Jean Marinescu, René Repasi, Antonio Maria Rinaldi, Mounir Satouri, Jörgen Warborn

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

59	+
ECR	Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Patricia Chagnon, Antonio Maria Rinaldi, Tom Vandendriessche
NI	Laura Ferrara
PPE	Asim Ademov, Isabel Benjumea Benjumea, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Loucas Fourlas, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Marian-Jean Marinescu, Nadine Morano, Alessandra Mussolini, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Sara Skyttedal, Loránt Vincze, Jörgen Warborn, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Ondřej Kovařík, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Yana Toom
S&D	Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Theresa Muigg, Matjaž Nemec, René Repasi, Thijs Reuten, Domènec Ruiz Devesa, Isabel Santos, Birgit Sippel, Petar Vitanov, Elena Yoncheva
The Left	Malin Björk, Clare Daly, Sira Rego
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Mounir Satouri, Tineke Strik

0	-

3	0
ECR	Jorge Buxadé Villalba
ID	Gunnar Beck
NI	Milan Uhrík

It-tifsira tas-simboli:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni